MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2014

Numru 664/2014

**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**CARMELO D'AMATO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Carmelo D'Amato ta' 55 sena, bin Emanuel u Frances nee' Cassar, mwieled Pieta' fis- 6 ta' Dicembru 1958, residenti Alba House, Triq tax- Xemx, Fgura u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 795858M ;

Talli b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l- istess disposizzjonijeti tal- ligi b' risoluzzjoni wahda;

1) Fl- 20 ta' Mejju 2014 u x- xhur ta' qabel f' dawn il- gzejjer ikkommettew serq ta' fuel (diesel) minn vettura tal- ghamla Isuzu GQZ 408 liema serq ikkwalifikat bil- persuna, bix- xorta tal- haga misruqa uv alur li ma jeccedix €2329.37 ghad- dannu tal- Gvern ta' Malta u/jew ta' entitajiet ohra;
2) Aktar talli fl- istess cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghek ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli, li kienu fdati lilu minhabba l- kariga jew impjieg tieghu jew seraq l- istess oggetti li huma propjeta' tal- Gvern ta' Malta u/jew ta' entitajiet ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi, inoltre, l-ammont ta' flus li kien ha l-imputat kien wiehed ta' portata minima, u dan l-ammont thallas mill-imputat lill-Korporazzjoni qabel ma nbdew dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 127, 261 (c)(d) u (g), 267, 268(d), 271 u 279a tal- Kap 9 tal – Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna l- interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------